# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001.**

**Numru**

**Citaz. numru 1192/96 JAB**

**Michael Gatt ghan-nom u in rappresentanza ta' Capital Insurance Services Limited u dan kif surrogat fid-drittijiet ta' Anthony Cuschieri ta' 18/5 M.A. Vassallo Street, Valletta.**

**vs**

**Adrian Grech**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz il-kumpanija attrici talbet lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) bhala rifuzjoni tal-ammont imhallas mill-attur lill-assikurat taghha Anthony Cuschieri ghad-danni kkagunati lilu fil-karozza Dacia numru ta' registrazzjoni T-7853 fil-kollizjoni li grat fis-6 ta' Mejju 1995, gewwa Naxxar Road, kantuniera ma' Bernardette

Street, San Gwann, minhabba l-imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut filwaqt illi l-konvenut kien qed isuq il-Volkswagon Golf numru ta' registrazzjoni I-0967. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TA' L-INTIMAT**

2. B'nota tal-eccezzjonijiet il-konvenut Adrian Grech eccepixxa illi :-

(a) Preliminarjament, l-attur noe mhux il-legittimu kontradittur tal-eccipjent stante li mill-produzzjoni tas-surroga ghandu jirrizulta li l-assikuratur ta' Anthony Cuschieri mhix is-socjeta' attrici izda hija s-socjeta' assikuratrici estera li taghha s-socjeta' attrici hija l-agent f'dawn il-gzejjer.

(b) Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-meritu, t-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent izda unikament htija ta' Anthony Cuschieri li kien qed isuq il-karozza numru T-7853.

(c) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tat-2 ta' Mejju 2000 l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li r-responsabilita' ta' dan l-incident ma tistax tigi kollha kemm hi akkolta lill-konvenut u konsegwentement il-konvenut ghandu jbati 7/8 mid-danni konsegwenzjali waqt li l-imsemmi assikurat ghandu jbatu 1/8 mill-istess danni. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti laqghat parzjalment it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine 7/8 mid-danni mitlubin fl-avviz in ezami u dan ammontanti ghal Lm98 u dan wara li tiddikjara li l-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in ezami minhabba traskuragni fis-sewqan da parti tieghu bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Novembru 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez skond ir-rispettiv rebh u telf.

**L-APPELL TA' L-INTIMAT**

4. L-intimat hassu aggravat bis-sentenza fuq citata u interpona appell minnha fuq l-aggravju segwenti :-

Illi l-ewwel Qorti bir-rispett kollu ghamlet zball meta kkonkludiet illi konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident u ghandu jbati 7/8 mid-danni konsegwenzjali waqt l l-imsemmi assikurat ghandu jbati 1/8 mill-istess danni. Il-Qorti stess kienet stabbilixxiet illi Anthony Cuschieri, l-assikurat tas-socjeta' attrici, kien qabad u dar sabiex jidhol fi triq laterali minghajr ma waqaf u minghajr ma xeghel l-indicator. Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi r-responsabbilita'

tal-incident hi unikament ta' dak li jaqbad u jdur ghal triq laterali billi jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq minghajr proper look-out.

Illi l-hsarat fuq il-karozza juru li Anthony Cuschieri, l-assikurat tas-socjeta' attrici, ghalaq it-triq hesrem lil Adrian Grech. Fil-fatt il-hsara taz-zewg vetturi hija in kwantu ta' l-esponenti fuq in-naha tax-xellug, specifikatament fuq il-mudguard tan-naha ta' quddiem tax-xellug u in kwantu ghall-konvenut fuq in-naha tal-lemin, ezattament fejn hemm it-tank tal-petrol.

Illi ghalhekk il-htija tal-kollizjoni hija unikament tal-konvenut illi qabel ma dar u beda jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq sabiex jidhol go Bernardette Street ma esplorax it-triq sewwa u ma kkalkolax tajjeb. Qabad u dar minghajr proper look-put meta fit-triq kien hemm ghaddejja vicin il-karozza misjuqa minn Adrian Grech.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-appellant talab li din il-Qorti joghgboha tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-2 ta' Mejju 2000, billi Anthony Cuschieri, l-assikurat tas-socjeta' attrici, jigi misjub unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-appellant isostni li l-htija unika ghall-habta bejn il-vettura misjuqa mill-assikurat tal-appellat nomine u dik misjuqa mill-intimat appellant kienet attribwibbli ghas-sewqan tal-assikurat Anthony Cuschieri u mhux kif gie invece ritenut fis-sentenza appellata li sabitu responsabbli biss ghal ottav (1/8) mill-htija. Di fatti, l-appellat intimat isostni li kien l-assikurat ma' l-attur li qabad u dar ghal triq laterali billi qasam ghan-naha l-ohra tat-triq bla ma ghamel "proper look-out". Ghalhekk talab riforma tas-sentenza appellata.

Minn naha tieghu l-appellat nomine wiegeb li hu kien gja' kiser lejn Triq Bernardette, San Gwann, u kien l-appellant li baqa' diehel fih minn wara bla ma ghamel ebda manuvra evaziva.

7. Il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi ta' evalwazzjoni ta' fatti rigwardanti d-dinamika tal-habta, hija prassi ormai stabbilita li sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji, hija kemm jista' jkun ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li allura tkun fl-ahjar qaghda li tevalwa l-provi mismugha minna.

8. Illi f'kull kaz pero' din il-Qorti dejjem hija fid-dmir li tezamina mill-gdid il-provi akkwiziti fid-dawl ta' dak li jkun gie sottomess lilha fl-istadju t'appell. Dan maghmul, l-Qorti jidhrilha li ftit ghandha x'izzid ma' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti fis-sens li ghalkemm kien hemm htijiet attribwibbli liz-zewg sewwieqa involuti, l-htija magguri tibqa' dejjem fuq l-appellant li ghamel manuvra ta' sorpass f'parti ta' triq fejn

evidentement ma kellux kontroll assolut fuq il-vettura li kien isuq in relazzjoni ghat-traffiku li seta' jigi quddiemu. Fil-fatt, gara li waqt din il-manuvra ta' sorpass sab quddiemu l-vettura ta' Cuschieri u ghal darb'ohra huwa naqas billi ma gharafx jiffrena tempestivament il-vettura tieghu u dahal ghalhekk fil-vettura li allura kienet issa tinsab quddiemu. Bl-istess mod, il-Qorti mhux daqstant konvinta li Cuschieri kien issenjala darbtejn l-"indicator" biex juri li huwa kien ser idur lejn il-lemin. Il-Qorti jidhrilha wkoll, bhalma gie ritenut mill-ewwel Qorti, li kien hemm ukoll htija kontributorja da parti ta' Cuschieri, s-sewwieq l-iehor. Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-ewwel Qorti hija dwar l-ispartizzjoni tar-responsabbilita' ghall-akkadut. Fil-fehma taghha il-kontributorjeta' ta' Cuschieri kienet proporjonatament fi grad akbar minn dak li giet ikkalkolata mill-ewwel Qorti, u din ghandha tkun fil-proporzjon ta' terz (1/3) bi htija tal-assikurat tal-appellat nomine u zewg terzi (2/3) tal-appellanti. Dan mela jfisser li d-danni li jrid jaghmel tajjeb ghalihom l-appellant huma fis-somma ta' Lm76.60c (sitta u sebghin lira Maltin u sittin centezmu) u mhux kif deciz fis-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi u tiddisponi mill-appell intavolat billi tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Mejju 2000, u dan billi ssib lill-appellat responsabbli kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-incident de quo u danni konsegwenzjali, u terz (1/3) lill-assikurat ta' l-appellat nomine, u

ghalhekk ukoll qeghda tirriforma l-quantum dovut in linea ta' danni u li jrid jithallas mill-appellant intimat fis-somma ta' Lm76.60c.

Il-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi jigu sopportati fl-istess proporzjon, jigifieri terz (1/3) mill-appellat nomine u zewg terzi (2/3) mill-appellant.

Dep/Reg

mg